*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 13,870, 31 ta' Lulju, 1981*
*Taqsima A*

# MALTA

## ATT Nru. XXX ta' l-1981

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex ikompli jemenda l-Kodiċi Ċivili, Kap. 23.**

## ACT No. XXX of 1981

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT further to amend the Civil Code, Cap. 23.**

Naghti l-kunsens tieghi.

(L.S.)

ANTON BUTTIGIEG
President

31 ta' Lulju, 1981

## ATT Nru. XXX ta' l-1981

*ATT biex ikompli jemenda l-Kodiċi Ċivili, Kap. 23.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1981 li jemenda l-Kodiċi Ċivili, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda mal-Kodiċi Ċivili, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-liġi prinċipali".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 47 tal-liġi prinċipali.

**2.** Minflok l-artikolu 47 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"47. Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, tehdid jew inġurji gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għada possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment:

Iżda ma tistax tintalab firda minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għada possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment qabel ma jgħaddu erba' snin mid-data taż-żwieġ u iżda wkoll, il-Qorti tista' tiddikjara l-firda għal dik ir-raġuni minkejja li, sew qabel jew wara l-bidu fis-seħħ ta' dak l-artikolu, ebda waħda mill-persuni miżżewġin flimkien ma' tkun għamlet it-talba għal dik ir-raġuni.".

Emenda ta' l-artikolu 72 tal-liġi prinċipali.

**3.** Fl-artikolu 72 tal-liġi prinċipali, immedjatament wara s-subartikolu (2) tiegħu għandu jidħol is-subartikolu (3) ġdid li ġej:

"Rinunzja ta' wirt.

(3) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra kull waħda mill-persuni miżżewġin tista' f'att pubbliku ta' separazzjoni, tirrinunzja għas-suċċessjoni tal-parti l-oħra.".

Emenda ta' l-artikolu 106 tal-liġi prinċipali.

**4.** Minnufih wara s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 106 tal-liġi prinċipali għandu jiżdied dan li ġej:

"(4) Tifel illeġittimu, li ma jkunx magħruf mill-missier bħala ibnu, jew dixxendenti dak it-tifel, jistgħu jżommu l-kunjom — li jkun kunjom barra dak ta' l-omm — li dak it-tifel ikun ħa u li jiġi dikjarat mill-Qorti li kien dejjem ġieb, u l-proviso għall-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu għandu japplika għal dik id-dikjarazzjoni.".

5. Minflok l-artikolu 141 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Sostituzzjoni ta' l-artikolu 141 tal-liġi prinċipali.

"141. Ma' l-għoti ta' digriet ta' adozzjoni, il-persuna li dwarha jingħata d-digriet ta' adozzjoni għandha tieħu l-kunjom ta' l-adottant:

Iżda meta l-persuna li tkun se tiġi adottata ma tkunx għalqet l-erba' snin, l-adottant jista', bl-approvazzjoni tal-Qorti, jagħti lil dak it-tifel isem ġdid.".

6. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 159 tal-liġi prinċipali immedjatament wara l-kliem "mobbli minnhom infushom" jidħlu l-kliem "inklużi vetturi bil-mutur". Emenda ta' l-artikolu 159 tal-liġi prinċipali.

7. Minnufih wara s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 160 tal-liġi prinċipali għandu jiżdied dan li ġej: Emenda ta' l-artikolu 160 tal-liġi prinċipali.

"(3) Meta r-raġel jew il-mara, skond min jibqa' ħaj minnhom, ikun ippreżenta denunzja dwar proprjetà nkluża fi trasferiment taxxabbli skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1973 dwar it-Taxxa tal-Mewt u tad-Donazzjoni, dak li jibqa' ħaj minnhom jitqies, għallfinijiet ta' dan l-artikolu, li jkun aċċetta l-wirt li jmiss lit-tfal ta' taħt l-età dwar il-proprjetà iddikjarata fl-istess denunzja, liema inventarju jitqies li ġie regolarment magħmul u ppubblikat skond l-imsemmija denunzja bil-benefiċċju ta' l-inventarju, mingħajr ma jkun hemm ħtieġa ta' xi formalità jew awtorizzazzjoni oħra stabbilita b'xi liġi.".

8. L-artikolu 632 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat biż-żieda tal-proviso ġdid li ġej fit-tarf tiegħu: Emenda ta' l-artikolu 632 tal-liġi prinċipali.

"Iżda ma jistax isir testment sigriet mir-raġel u martu fl-istess att uniku wara l-15 ta' Awissu, 1981.".

9. Minnufih wara s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 1288 tal-liġi prinċipali għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej: Emenda ta' l-artikolu 1288 tal-liġi prinċipali.

"(3) Wara ż-żwieġ ir-raġel u l-mara jistgħu, mingħajr il-ħtieġa ta' xi awtorità tal-Qorti, jissostitwixxu b'ipoteka speċjali kull ipoteka ġenerali stabbilita f'xi kitba taż-żwieġ.".

10. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 1581 tal-liġi prinċipali, immedjatament qabel il-figura "1583" għandha tidħol il-figura "1582A". Emenda ta' l-artikolu 1581 tal-liġi prinċipali.

11. Minnufih wara l-artikolu 1582 tal-liġi prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej: Żieda ta' artikolu ġdid 1582A mal-liġi prinċipali.

"Iċ-ċenswalist jista' jifdi ċ-ċens.

1582A. (1) Meta tingħata enfitewsi perpetwu, iċ-ċenswalist, ukoll jekk iċ-ċens ikun jista' jiġi rivedut kull tant żmien stabbilit, ikollu l-għażla li jifdi ċ-ċens kif provdut fis-subartikoli li ġejjin ta' dan l-artikolu, kemm-il darba il-kun-

tratt innifsu, li jkun kuntratt magħmul qabel il-ħmistax ta' Awissu, elf disa' mija u wieħed u tmenin, ma jipprovdix b'mod differenti kif tista' ssir il-fidwa.

(2) Dik il-fidwa taċ-ċens issir bil-ħlas ta' somma li tkun daqs l-ammont taċ-ċens kapitalizzat bir-rata ta' ħamsa fil-mija:

Iżda meta l-kuntratt jipprovdi li ċ-ċens jista' jiġi rivedut fi żmien speċifikat jew mal-ġrajja ta' kondizzjoni speċifikata, iċ-ċenswalist jista' jagħżel li jifdi fi żmien l-ewwel sena mid-data ta' xi reviżjoni bħal dik, jew tal-ġrajja ta' dik il-kondizzjoni, u s-somma li għandha titħallas għall-fidwa taċ-ċens tkun, f'dak il-każ, daqs l-ammont taċ-ċens hekk rivedut kapitalizzat bil-medja tar-rata ta' l-imgħax li titħallas minn Bank Kummerċjali fuq depożiti li jkunu ta' xorta fissa fi żmien il-fidwa.

(3) Jekk ikun hemm iktar minn padrun dirett wieħed, iċ-ċenswalist jista' jifdi mingħand kull wieħed jew iżjed minnhom separatament.

(4) Meta l-fond ikun miżmum b'sub-enfitewsi perpetwu, is-sub-ċenswalist ikollu l-jedd li jifdi ċ-ċens oriġinali u ż-żieda fiċ-ċens bil-ħlas tas-somma li għandha titħallas għall-fidwa li tiġi stabbilita skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

(5) Kull klawżola f'xi ftehim li biha ċ-ċenswalist ma jkunx jista' jeżerċita l-jedd li jifdi ċ-ċens mogħti b'dan l-artikolu, titqies li ma kenitx inkluża f'dak il-ftehim.

(6) Il-fidwa taċ-ċens tista' ssir bi ftehim bejn il-padrun dirett u ċ-ċenswalist magħmul f'att pubbliku jew permezz taċ-ċedola msemmija fis-subartikolu 7 ta' dan l-artikolu.

(7) Meta l-fidwa ma ssirx b'att pubbliku, iċ-ċenswalist jista' jagħmel dik il-fidwa billi jippreżenta għas-spejjeż tiegħu fir-Reġistru tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ċedola ta' fidwa u fl-istess ħin jiddepożita fl-imsemmi Reġistru s-somma li għandha titħallas għall-fidwa stabbilita skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu; u dwar ċedola bħal dik id-disposizzjonijiet li ġejjin għandu jkollhom effett, minkejja kull ħaġa kuntrarja li tinsab f'xi liġi oħra:

(a) meta l-persuna li tagħti l-enfitewsi għall-ewwel darba jew il-persuna li lilha jingħataw il-jeddijiet ta' padrun dirett tkun mejta, iċ-ċedola tal-fidwa tista' tiġi notifikata lil, u d-depożitu jista' jsir favur, wieħed jew iktar mill-werrieta tal-padrun dirett jew tal-persuna li lilha jgħaddi dan il-jedd u dak il-werriet jew dawk il-werrieta għandhom, għall-finijiet kollha tal-liġi, jitqiesu li jirrappreżentaw lil dawk il-persuni kollha li jkollhom interess legali fiċ-ċedola tal-fidwa u fil-flus hekk depożitati;

(b) in-nuqqas miċ-ċedola ta' l-isem ta' xi persuna li jkollha nteress f'xi parti mill-flus depożitati skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, ma jolqotx il-jedd ta' xi persuna li tkun hekk imħollija barra għal xi sehem mill-ammont depożitat;

(ċ) in-notifika taċ-ċedola ssir biss lill-persuna msemmija f'dik iċ-ċedola u jekk fi żmien tliet xhur mill-

jum li fih tiġi depożitata ċ-ċedola, ma ssirx in-notifika lill-imsemmija persuna, jew minħabba li tkun nieqsa jew għal xi raġuni oħra, iċ-ċenswalist għandu għas-spejjeż tiegħu jitlob lir-Reġistratur tal-Qrati Superjuri biex jippubblika fil-Gazzetta l-kontenut taċ-ċedola, u ma' dik il-pubblikazzjoni il-persuna li lilha kellha tiġi notifikata ċ-ċedola għandha, għall-finijiet kollha tal-liġi titqies li ġiet notifikata biċ-ċedola;

(d) iċ-ċenswalist għandu jara li kopja taċ-ċedola tiġi notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li għandu jżomm reġistru ta' dawk iċ-ċedoli, u l-artikolu 30 ta' l-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku għandu, *mutatis mutandis*, japplika għal dawk iċ-ċedoli.

(8) Id-depożiti msemmija jistgħu jiġu rtirati mill-persuni msemmija fih mal-prova tat-titolu tagħhom li ssir lir-Reġistratur tal-Qrati Superjuri.".

**12.** L-artikolu 1612 tal-liġi prinċipali hu hawnhekk revokat.

Revoka ta' l-artikolu 1612 tal-liġi prinċipali.

**13.** L-artikolu 2091 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat biż-żieda tas-subartikoli li ġejjin fit-tarf tiegħu:

Emenda ta' l-artikolu 2091 tal-liġi prinċipali.

"(3) Antikresi li saret b'att pubbliku qabel it-28 ta' Frar, 1961, għal żmien ta' iktar minn tletin sena, titqies li hi bejgħ, kemm-il darba jitħarsu d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu.

(4) Il-kreditur jista' fi żmien sentejn mill-15 ta' Awissu, 1981, jinsinwa l-att pubbliku msemmi fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu fir-Reġistru Pubbliku bħala trasferiment b'titolu ta' bejgħ.".

**14.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 2143 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "fi żmien ħmistax-il ġurnata" għandhom jidħlu l-kliem "fi żmien erba' xhur".

Emenda ta' l-artikolu 2143 tal-liġi prinċipali.

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 530 tat-28 ta' Lulju, 1981.

C. Agius
*Speaker*

C. Mifsud
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*